MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1174/2007

**Maria Muscat**

**vs**

**Joevin Ellul u s-socjeta’ assiguratrici Middlesea Insurance p.l.c. (C5553)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Maria Muscat li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Fil-hamsa (5) ta’ Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) fil-hdax u nofs ta’ filghodu (11.30 a.m.) sehh incident stradali fi Triq is-Salini, in-Naxxar, f’liema incident kienu nvoluti tliet karozzi, u dan kif jidher mir-rapport tal-incident hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

L-attrici Maria Muscat kienet passiggiera fil-vettura tat-tip Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni LAN sitta (6) tmienja (8) tlieta (3) [LAN 683], misjuqa minn Nazzareno Mercieca, liema vettura giet milquta minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni ELT zero (0) wiehed (1) tlieta (3) [ELT 013], tat-tip Toyota Starlet, misjuqa mill-konvenut Joevin Ellul.

Fl-incident, l-imsemmija attrici soffriet danni, inkluzi korriment, debilita’ u inkapacita’ permanenti, kif jidher mic-certifikat tat-tabib Dr. E. Pace Balzan datat sbatax (17) ta’ Frar tas-sena elfejn u sitta (2006).

Ragunijiet li wasslu ghat-talbiet attrici

L-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b’neglifenza, traskuragni, imperizja, sewqan eccessiv u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Joevin Ellul;

Il-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kawzati minnu, izda baqa’ inadempjenti.

Talbet ir-rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-hamsa (5) ta’ Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) fil-hdax u nofs ta’ filghodu (11.30 a.m.) sehh incident stradali fi Triq is-Salini, in-Naxxar, bejn vettura tat-tip Toyota Starlet targata ELT zero (0) wiehed (1) tlieta (3) [ELT 013], tat-tip Toyota Starlet, misjuqa mill-konvenut Joevin Ellul, u vettura tat-tip Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni LAN sitta (6) tmienja (8) tlieta (3) [LAN 683], misjuqa minn Nazzareno Mercieca, f’liema vettura kien hemm ir-rikorrenti passiggiera;

Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi id-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-incident awtomobilistiku kif deskritt;

Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru 2007, tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 2007 u bl-imghax kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Middlesea Insurance p.l.c., li in forza taghha eccepiet illi:

Il-kumpanija assikuratrici intimata mhijiex il-legittima kontraditrici u konsegwentement gahndha tigi liberata mill-osservanza ta' dan il-gudizzju stante li hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat huma insostenibbli fil-konfront tal-istess kumpanija;

Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-kumpanija assikuratrici intimata u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi hija ma kienet involuta fl-ebda incident awtomobilistiku u ghalhekk ma tistax tigi dikjarata responsabbli ghall-incident in kwistjoni u/jew ghall-konsegwenzjali danni;

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi koncess li t-talbiet attrici fil-konfront tal-kumpanija esponenti ghandhom jinftehmu fis-sens li huma talbiet biex l-attur jinghata kumpens ghal xi telf minnu soffert bhala rizultat ta' xi riskji assikurati (haga li mhijiex ammessa), it-talbiet attrici fil-konfront tal-kumpanija esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenut Joevin Ellul ma kienx kopert minn polza ta' assikurazzjoni;

Salv eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mill-kumpanija intimata skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Joevin Ellul baqa' ma wegibx ghall-kawza.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-fuq imsemmija socjeta' konvenuta Middlesea Insurance p.l.c., li in forza taghha eccepiet ulterjorment illi:

L-ewwel talba attrici hija frivola u zejda u l-kumpanija konvenuta m'ghandhiex tehel l-isejjez ta' din it-talba stante li l-konvenut Joevin Ellul kien accetta r-responsabilta' ghall-incident in kwistjoni qabel ma nfethet din il-kawza;

Dwar it-tieni u t-tielet talba, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra taghha msemmija fir-risposta guramentata pprezentata fl-10 ta' Dicembru 2007, il-kumpanija esponenti qieghda tikkontesta l-*quantum* tad-danni pretizi mill-attrici stante li huma esagerati u ma jirriflettux l-ammont ta' danni reali li fil-fatt soffriet fl-incident in kwistjoni;

Il-kumpanija konvenuta m'ghandhiex tehel l-ispejjez tat-tieni u t-tielet talba stante li l-attrici talbet somma esagerata u ingustament irrifjutat l-offerta' maghmula lilha.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru 2011 fejn id-difensur tas-socjeta' Middlesea Insurance ddikjarat li mhijiex qieghda tikkontesta r-responsabilta' u dan minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2012, li permezz tieghu gie mahtur l-espert mediku Mr. Adrian Agius sabiex jirrelata dwar id-dizabilta' li ssofri minnha l-attrici.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku fuq imsemmi minnu konfermata bil-gurament fit-8 ta' Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet kif imressqa mir-rikorrenti u s-socjeta’ intimata.

Rat li l-intimat Joevin Ellul ma ressaq ebda sottomissjoni finali.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti Maria Muscat qed tfittex li tigi risarcita ghal danni li sofriet meta kienet involuta f’incident awtomobilistiku waqt li kienet passiggiera. Joevin Ellul, li kien is-sewwieq tal-vettura l-ohra ma wegibx ghall-kawza. Is-socjeta’ tal-assikurazzjoni, fl-ewwel twegiba taghha ghall-kawza, issostni li hija m’ghandha x’taqsam xejn mal-incident. Fit-twegiba ulterjuri taghha, tikkontesta l-quantum ta’ danni pretizi mir-rikorrenti; minbarra milli ssostni li Joevin Ellul kien diga’ ammetta l-htija ghall-incident.

Ghar-rigward tal-htija ghall-incident de quo, il-Qorti tinnota illi, kif gie verbalizzat fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2011, is-socjeta’ assikuratrici intimata ma kkontestatx il-htija ta’ Joevin Ellul ghall-akkadut. Dan jirrizulta wkoll min-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri minnha mressqa.

Madanakollu, galadarba Joevin Ellul baqa’ kontumaci fil-kawza u ma jirrizultax illi d-difensur tas-socjeta’ intimata kienet qed tiddefendi l-interessi tieghu wkoll, jibqa’ jinkombi fuq din il-Qorti tistabilixxi l-htija ghall-akkadut. Dana ghaliex ma ngabet lill-Qorti ebda prova tal-istess ammissjoni, wisq anqas tad-data meta saret. Il-Qorti tasal biex tikkonferma l-htija kif dikjarat mill-assikurazzjoni permezz tax-xhieda tal-istess rikorrenti moghtija viva voce quddiem din il-Qorti li kkonfermat ukoll il-fatti kif deskritti fir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva redatt wara l-incident.

Middlesea Insurance teccepixxi fl-ewwel nota li hija m’gahndha ebda konnessjoni mal-incident. Din l-eccezzjoni ma gietx irtirata minnha fit-teni twegiba taghha, ghalkemm min-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, tidher li ma baqghetx tinsisti dwarha. Din il-Qorti ghalhekk

qieghda, ghall-fini ta’ kompletezza tiddisponi mill-istess eccezzjoni u tichadha stante li Middlesea Insurance hija mnizzla fir-rapport tal-Pulizija bhala fl-assikuratrici tal-vettura involuta fil-habta u, inoltre ma gabet ebda prova dwar in-nuqqas ta’ involviment taghha fil-kwistjoni.

Danni

Il-Kodici Civili jipprovdi illi:

“***1031.*** *Kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha.*

***1032.*** *(1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il- prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta’ disposizzjoni espressa tal- ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta’ prudenza, ta’ diligenza jew ta’ hsieb fi grad akbar.*

***1045.*** *(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacità tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacità ikkaggunata, u l- kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*”

Ma ngabux lill-Qorti ebda provi ta’ damnum emergens.

In segwitu ghall-incident tal-5 ta’ Frar 2006, maria Muscat, rikorrenti odjerna, tilfet kompletament is-smigh minn widna wahda. Minhabba d-daqqa wkoll, hija qieghda ssofri minn problemi ta’ zbilanc u tinnitus. It-tabib tal-familja taghha, li

ilu jafha snin, xehed li qabel l-incident hija qatt ma kienet ilmentat minn xi problema f'rasha.

L-espert inkarigat minn din il-Qorti biex jirrelata dwar id-dizabilta' tar-rikorrenti jikonkludi li l-grad ta' dizabilta' huwa ta' 15%. Il-Qorti tinnota li l-espert mediku inkarigat mill-assikurazzjoni rrapporta dwar il-kaz. Madanakollu, ir-rapport qatt ma gie konfermat bil-gurament. Ma ntalbitx il-hatra ta' periti perizjuri u ma ngabet lill-Qorti ebda raguni valida li twassalha tiskarta l-konkluzjoni tal-espert mahtur minnha,

Fid-data tal-incident, l-attrici, li hija mara tad-dar, kellha l-eta' ta' 55 sena. Kif gie stabbilit minn dawn il-Qrati diversi drabi, ix-xoghol tad-dar ghandu l-valur ekonomiku tieghu u m'ghandux jitqies li jiswa' anqas mill-paga minima nazzjonali (ara "Ebejer vs Spiter", deciza mill-Imh. G. Caruana Demajo fis-16 ta' Dicembru 1997; "Zammit vs Bezzina", deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Settembru 1973; "Sammut vs Demanuele", deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Lulju 2002 kif ukoll "Rosso vs Galea", deciza fit-3 ta' April 2003) fost ohrajn.

Inoltre, f'kaz ta' mara tad-dar, dawn il-Qrati rritenew ukoll illi dan ma jieqafx mal-eta' normali tal-irtirar, eta' li dejjem qieghda toghla, u ghalhekk il-Qorti qieghda tistabilixxi multiplier ta' 15.

Il-paga minima nazzjonali attwali hija ta' €162.19 fil-gimgha, u cioe' €8,433.88 fis-sena, li maghha l-Qorti qieghda zzid 10% biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, ghalhekk €9,277.27.

Ghal dak li hu tnaqqis ghal-lump sum payment, dan komunement ikun ta' 20% li jonqsu bi 2% ghal kull sena mill-incident. F'dan il-kaz, ghalhekk, it-tnaqqis ser ikun ta' 4%.

Ghalhekk, €9,277.27 x 15 x 15%
Naqqas 4%, li jgib total ta' €20,038.91.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' intimata, inkluz dawk ulterjuri, fil-kontumacja tal-intimat Joevin Ellul, tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' ghoxrin elf u tmienja u tletin ewro u wiehed u disghin centezmu (€20,038.91); tikkundanna lil Joevin Ellul u Middlesea Insurance p.l.c. ihallsu lil Maria Muscat is-somma ta' ghoxrin elf u tmienja u tletin ewro u wiehed u disghin centezmu (€20,038.91).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joevin Ellul u Middlesea Insurance p.l.c.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------